KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 40 *ad hoc* — IS-SITT KUNSILL

L-erbgħin seduta *ad hoc* (40) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema tkompliet it-**Tnejn 27 ta` Ġunju 2011** fit-8.26 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Sandra Camilleri u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillieri Nikki Dimech u Nicolai Gauci avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.
Il-Kunsilliera Marianne Aquilina talbet li tiġi skużata fis-seduta 38 (kont 2) li kienet għada kemm intemmet ftit tal-minuti qabel.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**ASSENTI**

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li fin-nuqqas ta' raġuni ġustifikata mill-Kunsillieri Martin Debono u Julian Galea dawn għandhom jitniżżlu bħala assenti.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

### 40.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

40.1.1 Is-Sindku qrat il-lista tal-pagamenti li kienet intbagħtet lill-Kunsilliera mal-Aġenda għall-approvazzjoni tagħhom.

40.1.1.1 Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-mozzjoni.

40.1.2 Is-Sindku qrat il-lista tal-pagamenti maħruġa mill-Kunsill li kienet intbagħtet lill-Kunsilliera mal-Aġenda għall-approvazzjoni tagħhom.

40.1.2.1 Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-mozzjoni.

***Is-seduta ntemmet fid-8.45 ta' ta' filgħaxija.***

**Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..l-Erbgħa.. 10 ..... ta' ..Awwissu.. 2011.
(jum) (data) (xahar)